MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 512/2003/1

**Fino Ferramenta Limited**

**vs**

**Chris Diamantino, u b' digriet tal-21 ta' Ottubru 2003, isem u kunjom il-konvenut gie jaqra "Christoffel Scifo Diamantino ID 85472(M)", kif ukoll giet kjamata in kawza Grand Interior Creations Limited u Carm. A. Fenech bhala likwidatur ta' l-istess u ghan-nom taghha.**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Jannar, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm358.08 (tlett mija tmienja u hamsin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija ordnata u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin liri Maltin u tmien centezmi (Lm358.08), rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija minnu ordnata u debitament ikkonsenjata skond kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok A.

Interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa` inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenut (li jismu Christoffel Scifo Diamantino u mhux kif erroneament indikat fl-okkju ta' t-Talba promotrici) jecepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan stante:

(a) karenza ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet, bhala eccezzjoni preliminari;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi mill-atti preliminari ma jirrizultax effettivament minn hu propjament id-debitur, verso s-socjeta' attrici ossia l-odjern konvenut jew is-socjeta' Grand Interior Creations

Ltd. Din is-socjeta' kostitwita bejn il-konvenut u certu Ian Tabone ma damitx hafna topera anzi lanqas bdiet u giet stralcjata . Kif xehed l-istralcjarju, id-debitu ma deherx fil-kotba ghax il-konvenut qatt ma qallu bih ( vide xhieda a Fol 19 seduta tat-12 ta' Ottubru 2004). Jirrizulta anki minn xhieda tal-konvenut stess li l-oggetti gew installati fil-hanut taghhom (seduta tas-7 ta' Dicembru 2004).

L-aqwa xhud li seta jillumina lil partijiet u lit-Tribunal ta' xhiex effettivament kien in-negozju kien l-istess ta' Tabone. Kien partner mal-konvenut, ordna u ha x-xoghol meta zarmaw qabel ma bdew, hallas sehemu ossia lis-socjeta' attrici. Skond Nicholas Ferris li xehed fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2004 il-konvenut ma riedx jonora l-pagament ta' sehemu mhux ghax ma kellux jghati izda minhabba kwistjoni ohra li kellu mieghu, kwistjonijiet li huma res inter alios acta ghas-socjeta' attrici.

Illi ma jistax ikun li persuna tbiegh in bona fede lit-terzi u wara dana jistahbew wara paraventu biex ma jhallsux dak minnhom dovut. Dana anke mill-lat strettament ta' ekwita li persuna ghandha thallas ta' dak li tkun hadet. Ir-raguni ghaliex ma dahhlietx fil kontijiet tal-kumpanija jafuhom Ian Tabone u l- konvenut stess, pero' is-socjeta' attrici trid tithallas, aktar u aktar meta l-kuntratt ma giex onorat.

Jiddeciedi lili filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas l-istess somma ta Lm 358.08 bl-ispejjes u interessi salv kull dritt, lil konvenut 'si et quatenus kontra l-istess Ian Tabone u Carm. A Fenech bhala stralcjarju tas-socjeta' Grand Interiors Creations Ltd."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju konsistenti f' parafrazi ta' l-eccezzjoni ewlenija tieghu. Huwa jikkontesta lit-Tribunal kemm ir-ragonament u l-konkluzjoni raggunta minnu billi jikkontendi illi c-cirkostanzi ta' kif sehh ir-rapport negozjali wrew illi l-merce giet akkwistata fl-interess tas-socjeta` Grand Interior Creations Limited, u mhux tieghu personalment;

Mill-attijiet tal-kawza l-fatti principali li rrizultaw provati kienu dawn:-

(1) Nicholas Ferris, direttur tas-socjeta` attrici, jikkonferma illi l-ordni pjazzata minn Ian Tabone u l-konvenut, *qua* konsocji, saret f' isem is-socjeta` Grand Interior Creations Limited. Ara fattura mahruga f' isem din is-socjeta` a fol. 28;

(2) L-istess xhud jissokta jiddeponi illi n-negozju intiz li jigi gestit minn Ian Tabone u l-konvenut taht isem l-imsemmija kumpanija sfratta u din ghaddiet f' "*voluntary liquidation*". Huwa jzid jghid li Ian Tabone hallas hamsin fil-mija tal-prezz tal-merce izda l-konvenut irrifjuta li jaghmel dan. Ta' min jinnota li r-ricevuta rapprezentanti l-hlas imsemmi inharget lill-kumpanija u mhux lil Ian Tabone personalment. Ara dokument a fol. 26;

(3) Carmel Fenech, l-istralcjarju, jghid li l-konvenut kien qalu li l-merce nxtrat fil-veste personali;

(4) Minn naha tieghu l-konvenut sostna li l-oggetti nxtraw f' isem il-kumpanija u fil-fatt dawn kienu ttiehdu lura minn Ian Tabone meta xoljew. Jinsisti li kienet responsabilita` ta' dan is-socju tieghu li l-akkwist maghmul minghand is-socjeta` attrici jidhol fil-kontabilita` tal-kumpanija;

Premessi dawn il-fatti, huwa rilevanti li jigi registrat illi:-

(1) Il-merce konsistenti f' *shelving* ghall-hanut li kellu jigi gestit inxtara fl-interess tal-kumpanija Grand Interiors Creations Limited;

(2) Dan il-fatt kien sew maghruf mill-kumpanija attrici, kif hekk konfessat mir-rapprezentanti taghha u hekk ukoll manifestament evidenzjat mid-dokumenti essenzjali - fattura u ricevuta tal-hlas ta' parti mis-somma;

(3) Is-socjeta` attrici mkien ma pprovat illi l-konvenut assuma personalment li jiskonta l-kumplament tas-somma reklamata. Ghall-kuntrarju, id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut illi hu qatt ma accetta l-ebda responsabilita` personali biex ihallas dan l-ammont ma gietx kontraddetta jew b' xi mod zmentita;

(4) Il-fatt li ma kien hemm ebda annotament ta' l-akkwist fir-*records* tal-kumpanija msejha fil-kawza ma jfisserx illi ghalhekk l-akkwist sar fil-veste personali taz-zewg azzjonisti u konsocji ta' dik il-kumpanija;

(5) Kollox jindika li l-merce giet konsenjata u accettata minn socjeta`. Il-prova dokumentarja kienet pjenament tiggustifika d-difiza tal-konvenut illi personalment ma kien hemm ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici. Anke jekk il-konvenut kien wiehed minn dawk li ppjazza l-ordni dan ma jgibx ghalhekk biss illi hu assuma obbligazzjonijiet personalment. Ara "**Catania -vs- Engerer**", Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April 1988. Kif jinsab deciz, "jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji" - "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Il-poter diskrezzjonali rikonoxxut mil-ligi lit-Tribunal li jaqta' l-kaz quddiemu skond l-ekwita` [Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380] ma jfisserx soffokament jew negazzjoni tad-dritt meta r-realta` u l-verita` tal-fatti jiddemostraw b' mod sufficcjenti illi fil-kontrattazzjoni l-konvenut appellant ma kellux dak l-interess, *qua* element integranti u intrinsiku, biex jigi azzjonat fil-kontradittorju tal-pretensjoni attrici. It-Tribunal, anke jekk fuq bazi ta' ekwita, ma kellux id-dritt li jissorvola l-applikazzjoni tal-ligi procedurali ghall-meritu. Ara a propozitu, anke jekk il-meritu kien distint minn dan, il-konsiderazzjonijiet zvolti minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**The Performing Rights Society Limited -vs- Carmelo Calleja**", 4 ta' Marzu 1996;

In vista tal-premess l-aggravju interpost jimmerita li jigi akkolt;

Una volta din il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni, hu provvdut bl-Artikolu 8 (4) ta’ l-Att V ta’ l-1995 illi meta l-Qorti ta’ l-Appell taqta’ li l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal, u ghandha hi stess taqta’ t-talba skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 7;

Kuntrarjament ghall-elementi kongetturali li fuqhom it-Tribunal sejjes il-motivazzjoni tieghu, il-fatti juru illi r-rapport negozjali twieled mill-akkwist tal-merce da parte tas-socjeta` msejha fil-kawza. L-impenn ghall-hlas kellu jsir minn din is-socjeta`, anke jekk issa din tinsab fi stat ta’ stralc. Hi din is-socjeta` allura li hi debitrici tas-somma bilancjali domandata mis-socjeta` attrici kreditrici.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li takkolji l-appell tal-konvenut, thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-10 ta’ Jannar 2005. Konsegwentement issib li t-talba tas-socjeta` attrici appellata fl-ammont reklamat tigi invece milqugha fil-konfront esklussiv tas-socjeta` Grand Interior Creations Limited, kjamata fil-kawza, li lilha qed jigu akkollati wkoll l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------